

Brussell, 7 ta' Frar 2022
(OR. fr)

5875/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0015(BUD)

FIN 98
SOC 57

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (EGF/2022/000 TA 2022 - Assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni)

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (EGF/2022/000 TA 2022 - Assistenza teknika fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda², u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

² ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u jippromwovi impjiegi diċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom titwaqqaf fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar maġġuri, u jassistihom biex jerġgħu lura għal impjieg diċenti u sostenibbli malajr kemm jista' jkun.
- (2) Il-FEG ma jistax jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093¹.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2021/691 jipprevedi li sa 0,5 % tal-ammont massimu annwali tal-FEG jista' jintuża kull sena għall-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni.
- (4) Għalhekk, il-FEG jenħtieġ li jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 290 000 għall-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni.
- (5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien meħtieġ għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, jenħtieġ li din id-deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2022, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 290 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Hija għandha tapplika minn *[id-data tal-adozzjoni tagħha]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

* *Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament Ewropew qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.*